# familja

Ħarġa Numru 15 • sajf 2021

**MINISTERU GĦAS-SOLIDARJETÀ U L-ĠUSTIZZJA SOĊJALI, IL-FAMILJA U D-DRITTIJIET TAT-TFAL**



familja.media@gov.mt



## Rivista 'Familja'

hi inizjattiva tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni fi ħdan il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal.

'Familja' toħroġ *online* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata għall-pubbliku bħala l-vuċi uffiċjali ta' dan il-Ministeru. Din ir-rivista titqassam mingħajr ħlas.

Jekk jogħġbok tikkontribwixxi b'xi kitba, twassal proposti jew xi suġġerimenti, inkella għaddejt minn xi esperjenza li tixtieq taqsam magħna, nistiednuk tiktbilna fuq l-imejl: familja.media@gov.mt

Biex tirċievi r-rivista 'Familja' tista' tiktbilna fl-indirizz elettroniku jew bil-posta:
Tonio Bonello, MSFC
Uffiċċju tal-Komunikazzjoni,
Operations Directorate,
Nru 38 Triq l-Ordinanza,
Il-Belt Valletta.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

**Tonio Bonello**
Editur

'Familja' qed tasal għandkom grazzi għall-kontributuri professjonali, volontarji u kollegi oħra li jaħdmu magħna.
Dan bl-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità jkompli jissaħħaħ fl-interess tas-soċjetà

Tista' taċċessa edizzjonijiet passati fuq:
**https://family.gov.mt/en/Pages/FamiljaMagazine.aspx**

# Kontenut


**04** Editorjal

**05** Messaġġ tal-Onorevoli Dr Michael Falzon
Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

**06** Messaġġ tas-Sur Mark Musù
Segretarju Permanenti fil-Ministeru

**08** What are the EU Social Security Coordination rules and how do these apply to me?

**09** Inawgurati l-ewwel remote workspaces

**10** Staqsi lill-imġarrab

**12** MSFC > X'HEMM ĠDID?

**14** Hemm bżonn li nkunu kuntenti f'ħajjitna

**15** Rokna Tfal

**16** mySocialSecurity
Servizzi Onlajn

**17** ĠEMMA
Your guide to Money Management

**18** 65 sena ta' Sigurtà Soċjali

**19** FSWS Governing Board (part 1)

**20** Forti Sant' Anġlu

**22** Qlub Imweġġa'

**23** Fun Page

**24** Peter's Kitchen


# Ħajr ukoll lil


Is-Sur Joseph Cachia
Konsulent fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti

Is-Sur Stefan Borg
Communications Coordinator tal-Onor. Ministru Michael Falzon MSFC

Is-Sa Letizia Buttigieg
Head of Communications

Is-Sur Grazio Barbara
Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali)

Is-Sur Anton Cesare
Direttur (Direttorat tal-Operat)

Is-Sa Daniela Azzopardi
Senior Research Officer QACO
Awtorità dwar Standards ta' Ħarsien Soċjali

Is-Sa Suzanne Garcia Imbernon
Task Manager
Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal

Is-Sa Rosalie Vella Piscopo
Manager: Strategic Marketing & International Relations

Is-Sa Melissa Pace
Senior Executive 1 - Marketing
Aġenzija Sapport

Is-Sa Remenda Grech
Direttur - Appoġġ

Is-Sur Archibald Attard
Officer in Scale 10






**Agħti d-demm illum**
**Għada jista' jkun tard**

**2206 6201**

**GRAZZI**

# Editorjal

**Tonio Bonello**
Editur Media MSFC
Corporate Communications
Manager




# JIRNEXXIELEK IĠĠEMMA?

Din kienet inizjattiva li oriġinat bl-iskop li tgħin persuni, koppji, familji, minn tfal sa anzjani jifhmu aħjar il-kunċett tat-tfaddil u kif b'għaqal u prudenza fl-infieq, bniedem jista' jgħix ħajja deċenti hu u dawk ta' madwaru.

Il-kampanja Ġemma hi waħda diversifikata ħafna. Tidħol fl-oqsma tal-pensjonijiet, ta' kif bniedem jgħix jum jum, ta' kif jippjana x-xirja tiegħu, saħansitra dwar kif jippjana t-tieġ. Bil-progress li sar fl-oqsma tat-teknoloġija, prodotti ġodda dejjem ħerġin u il-possibbiltà li wieħed jixtri on-line mill-kumdità ta' daru, dan kollu ġab miegħu aktar sens ta' pjaċir li bniedem jakkwista dak li dejjem ried, jew 'jipprova' jgħix dik il-ħajja li dejjem xtaq.

Kif jgħid il-Malti iżda, 'Kollox għandu prezz'. Waqt li tassew, illum minn sempliċi ċellulari tista' taċċessa letteralment id-dinja u tixtri li trid u minn fejn trid, imma jibqa' l-fatt li b'dan it-tibdil radikali kollu, il-paga tal-bniedem tibqa' dejjem kif tkun għajr għal avvanzi li bniedem jista' jikseb maż-żmien permezz ta' promozzjoni jew bidla fix-xogħol.

Minn din l-edizzjoni ta' 'Familja' se nkunu qed inniedu din il-kampanja interessanti ferm ta' kif wieħed għandu jaġixxi meta waslitlu l-paga fl-aħħar tax-xahar. Kif jagħmel il-kalkoli xierqa bl-għan li għat-tletin jum li jkunu ġejjin, il-paga tibqa' sservih, u, anzi, li jekk jista' jkun, jirnexxielu jġemma xi ħaġa wkoll billi.

Ġemma hi kampanja edukattiva, informattiva u interattiva ħafna. Jista' jagħmel użu minna kulħadd u tinsab aċċessibbli f'numru ta' applikazzjonijiet bħal;
Facebook > https://www.facebook.com/gemma.know.plan.act
Youtube > https://www.youtube.com/channel/UCBYOWljTOp15RLgNXUu1h7Q/videos
u fis-sit elettroniku > https://gemma.gov.mt/

X'Hemm Ġdid?

Ilkoll kemm-il darba nistaqsu din id-domanda; fil-familja, fuq il-post tax-xogħol, mal-ħbieb. Xi drabi aktarx ngħiduha biex ikunu għedna xi ħaġa, jew aħjar, biex nibdew konversazzjoni. Drabi oħra, b'sens ta' kurżità jew bl-għan li nżommu ruħħna aġġornati ma' dak li qed jiġri madwarna.

Mal-impenji regolari tiegħi, minn din is-sena ħadt l-inkarigu tat-traduzzjoni ta' stqarrijiet ministerjali bl-iskop li dawn ikunu utilizzati bħala mezz ta' informazzjoni fil-mezzi soċjali ta' dan il-Ministeru. Uħud minn dawn ikollhom kontenut sostanzjali biex jispjegaw eżatt l-idea wara tnedija ta' servizz jew benefiċċju ġdid.

Waqt konversazzjoni li kelli mas-Sur Anton Cesare (Direttur Operations tal-Ministeru) qsamna l-ideja li fir-rivista 'Familja' nintroduċu bħal sommarju ta' aġġornament tal-ħidma li tkun qed issir minn dan il-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal.

Minn din il-ħarġa għalhekk ser tkunu tistgħu tibdew issegwu dak li qed jiġri b'mod konċiż iżda b'daqstant ieħor informattiv fil-kuntest ta' dan il-Ministeru. Minkejja dan, dejjem jibqa' xi temi jew aspetti ta' din il-ħidma fejn il-pubbliku jista' jkun meħtieġ aktar tagħrif.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nerġa' nfakkar il-kuntatti tagħna *online* fejn il-pubbliku jista' jitkellem magħna. Dak personali tiegħi bħala Editur hu;
anthony.a.bonello@gov.mt
waqt li l-indirizz elettroniku komuni tar-rivista huwa:
familja.media@gov.mt
Nagħmlu dak kollu possibbli biex inwieġbu għal kull komunikazzjoni li nirċievu fl-iqsar żmien.

# Ġustizzja soċjali ma' kulħadd



**L-Onor. Michael Falzon**
Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal

Nemmen illi l-familja hija l-bażi ta' kull soċjetà. Hija l-ambjent naturali tat-trobbija, il-post fejn l-ulied jibnu l-karattru tagħhom. Karattru msejjes minn kuntatti u esperjenzi personali ma' dawk l-aktar persuni qrib tagħna. Ilkoll naqblu illi dak li jiddefinixxi familja, inbidel fl-aħħar snin.
Ir-realtajiet soċjali konstantament qed jinbidlu, u qed jagħtu definizzjoni wiesgħa ta' x'inhi familja. Xorta waħda imma, is-soċjetà għandha taċċetta u tapprezza kull forma ta' familja, mingħajr ebda preġudizzju u paragun.
Dan il-Gvern verament għandu għal qalbu l-familji tagħna, u dan għax jemmen fil-kontribut ġenwin tagħhom. Huwa għalhekk li bqajna noperaw kull miżura soċjali, addottata matul il-leġiżlatura, ewlenija fosthom l-'In Work Benefit' u t-'Tapering of Benefits'. B'dan il-mod naqqasna d-dipendenzi soċjali filwaqt li ħloqna aktar opportunitajiet ta' xogħol.
Nemmnu bis-sħiħ ukoll, fil-bilanċ bejn id-dinja tax-xogħol u l-ħin mal-familja, u għalhekk tajna lura dawk il-festi pubbliċi li jaħbtu fi tmiem il-ġimgħa.
Bħala Ministeru wkoll, ħadna numru ta' inizjattivi biex nippromwovu l-familji u t-trobbija b'saħħitha, anke permezz ta' gwida u ideat innovattivi.
Tul l-aħħar xhur tal-pandemija rajna lill-familji tagħna jiffaċċjaw piżijiet illi qatt qabel ma rajna bħalhom. Piżijiet finanzjarji, ħinijiet aktar mat-tfal minħabba skejjel magħluqin u inqas ħin ta' rikreazzjoni fost oħrajn. B'mod responsabbli dan il-Gvern, mill-ewwel fehem li hemm bżonn jaġixxi u jidħol hu għal dawn il-piżijiet tal-familji.
Sa mill-bidu, minn meta faqqgħet il-pandemija s-sena l-oħra, il-Gvern introduċa miżuri bħall-'Wage Supplement', għal dawk il-persuni li tilfu xogħolhom, iżda mhux biss. Anke dan il-Ministeru kellu u għad għandu sehem attiv, f'numru ta' benefiċċji addizzjonali għall-familji.
Fil-fatt, ftit tal-ġimgħat ilu erġajna estendejna benefiċċju temporanju għall-ġenituri li kellhom jibqgħu ma' uliedhom id-dar minħabba l-għeluq tal-iskejjel. Anke meta l-iskejjel reġgħu fetħu l-bibien tagħhom, sar l-aħħar proċess ta' pagamenti għal dawk li kienu għadhom ma rċevewx il-benefiċċju. B'kollox kważi 1,100 ġenituri ta' tfal taħt is-16-il sena u ta' tfal b'diżabilità severa tħallsu l-benefiċċju temporanju tal-Covid-19 minħabba l-għeluq tal-iskejjel.
B'kollox l-ispiża għal din is-sena telgħet għal kważi €580,000 li meta imbagħad tgħodd il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali li se titħallsilhom ukoll, in-nefqa tilħaq kważi €645,000. B'dan il-mod rajna li ma jkunux affettwati l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, li aktar 'il quddiem jistgħu jaffettwaw ir-rati tal-pensjonijiet.
Dan il-benefiċċju kien estiż ukoll għal dawk il-ġenituri ta' persuni b'diżabbiltà li għandhom 16-il sena jew aktar u li minħabba l-għeluq tal-iskejjel u servizzi oħra, ma setgħux imorru għax-xogħol, u ma kienx possibbli li jaħdmu mid-dar, u li kellhom joħorġu fuq leave bla ħlas biex jieħdu ħsieb uliedhom.
Dan hu Gvern li verament irid ġustizzja soċjali ma' kulħadd. Gvern li ma jistenniex xi kriżi sabiex jaġixxi. Dan hu Gvern illi bil-fatti qiegħed ikompli juri li huwa Gvern b'ruħ soċjali. Gvern li jipprova jifhem dak li persuna tkun għaddejja minnu.
Ħbieb, flimkien ksibna ħafna matul l-aħħar xhur tal-pandemija, għalkemm kienu mtappna b'ħafna restrizzjonijiet u stili ta' ħajja skomdi. Ejja nibqgħu reżiljenti, u nħarsu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet tas-saħħa, ħalli noħorġu malajr kemm jista' jkun minn din il-pandemija. L-impenn tal-Gvern se jibqa' wieħed ċar u tond; Gvern li se jkun tarka għaż-żgħir u l-batut, kif ukoll ta' spalla għan-negozji li jibqgħu jiġġeneraw l-ekonomija!

# Xewqa li saret realtà



**Mark Musù**
Segretarju Permanenti
Ministeru għas-Solidarjetà,u
l-Ġustizzja Soċjali,
il-Familja u Drittjijet tat-Tfal

F'wieħed mis-sensiela ta' artikli f'din ir-rivista Familja kont semmejt ir-rabta twila fil-karriera tiegħi ma' Palazzo Ferreria u kif dejjem kelli x-xewqa li nara l-palazz restawrat biex toħroġ aktar is-sbuħija tiegħu. Bqajt inberren sakemm meta lħaqt Segretarju Permanenti f'dan il-Ministeru ħabrikt biex nara x'jista' jsir u kif nistgħu niksbu l-fondi meħtieġa biex invaraw proġett ta' restawr.

Kont tlabt il-parir u l-għajnuna tad-Direttorat tar-Restawr, li dik il-ħabta kien jagħmel parti mill-Ministeru għall-Ġustizzja u Kultura, biex jagħtuna ħjiel ta' xi jkun jinvolvi l-proġett, stima tal-ispiża u xi kemm żmien jieħu biex jitwettaq. Sibthom interessati u ħerqana li jsir dan ir-restawr għax kienu jqisu l-palazz bħala ġawhra arkitettonika li jixirqilha tirkupra s-sbuħija kollha tagħha.

Kien lejn l-aħħar tal-2014 li bdew jistħarrġu biex jaraw f'liema stat kienet il-binja u x-xogħol meħtieg biex jissewwew u jitnaddfu l-faċċati kollha. Saret ukoll riċerka dwar il-binja u anke tfittxija għal pjanti oriġinali tal-Perit Giuseppe Bonavia, li iżda baqgħu ma nstabux. Għall-ewwel darba fl-istħarriġ tekniku ntuża laser scanner, li kien għadu kif ġie akkwistat mid-direttorat, biex jinġabru dettalji tri-dimensjonali tal-faċċati u jsiru disinji tal-iskultura biex jinżamm rekord tagħhom.

Wara li nkisbu l-permessi mill-MEPA u ħarġu sejħiet għall-offerti, fl-aħħar kwart tal-2016 beda xogħol mill-aktar elaborat fuq il-faċċata li tagħti għal fuq Triq ir-Repubblika. Ix-xogħol dam sena u fil-bidu ta' Settembru tal-2017 saret l-inawgurazzjoni uffiċjali li kienet tinkludi sistema moderna ta' dwal, li anke tippermetti li l-gallariji jixgħelu b'kuluri differenti, u li kompliet issebbaħ il-faċċata.

Il-proġett issokta, l-ewwel fuq parti mill-faċċata li tagħti fuq Triq l-Ordinanza, u wara fuq il-parti fuq in-naħa ta' Triq Nofsinhar. L-aħħar fażi tal-progett, fuq il-kumplament tan-naħa ta' Triq l-Ordinanza u fuq in-naħa ta' wara tal-palazz fi Triq id-Dejqa, intemmet fi Frar li għadda. Ix-xogħlijiet ħadu aktar milli kien ippjanat minħabba x'intoppi li nqalgħu u anke l-pandemija. Minkejja dan b'kollox il-proġett, mingħajr is-sistema tad-dawl, sewa €1m minkejja li kien stmat li se jiswa madwar €1.2m.

Barra t-tindif li sar skont regoli internazzjonali, fost xogħlijiet oħra tbiddlu l-ġebel u l-iskulturi li ddeterjoraw, issewwew l-iskulturi taż-żwiemel fuq il-faċċata ewlenija u saret rikostruzzjoni tas-soqfa oriġinali tal-galleriji fuq disinji li nħargu minn ritratti qodma. Ittellgħu wkoll 16-il gastra ornamentali tal-ġebel fuq l-opramorta kif kien hemm oriġinarjament. Dawn huma replika ta' dawk oriġinali li jinsabu f'Villa Francia f'Ħal Lija.

**"Qatt ma tinbet xewqa fil-bniedem mingħajr is-setgħa li jwettaqha. Biex isseħħ, iżda, jrid jistinka."**

**Richard Bach, awtur Amerikan**

*Ikompli fil-paġna li jmiss*

F'diskursata li kelli mal-Perit Stephen Pulis li mexxa l-proġett għaddieli tagħrif dwar ix-xogħlijiet u diversi aspetti interessanti li ltaqa' magħhom. Fuq il-faċċata ewlenija skopra sliding louvers li jidħlu fil-ħajt li kienu jintużaw biex iżommu l-kmamar ta' fuq friski fis-sajf.  Sab ukoll xi graffiti awtentiċi fuq il-ġebel tal-faċċata u
l-gallariji tal-injam.




Il-Perit Pulis hu tal-fehma li l-iskulturi tal-uċuħ ta' mara u raġel fuq iż-żewġ daħliet prinċipali fi Triq ir-Repubblika jirrappreżentaw is-sidien li bnew il-palazz lejn tmiem is-seklu dsatax. Dawn kienu Giuseppe Buttigieg u martu Giovanna Camilleri li l-istemmi tal-familji tagħhom jidhru mnaqqxa fuq nett tal-faċċata.
Il-palazz kien ġie milqut fi ħbit mill-ajru fuq il-Belt fit-Tieni Gwerra Dinjija, li fih kien iġġarraf it-Teatru Rjal.  Fil-fatt waqt ir-restawr il-ħaddiema sabu ħsarat  u qsim kawżati minn theżżiż jew ċediment fl-istruttura li naturalment issa ssewwa.
Sabiex dan l-investiment li għamilna nsostnuh fit-tul, diġà qed nagħmlu pjan ta' manutenzjoni fit-tul waqt li l-pass li jmiss huwa li ndawlu l-ġnub u n-naħa ta' wara tal-binja wkoll u għal dan il-għan dalwaqt noħorġu sejħa għall-offerti.  B'hekk inkomplu nsebbħu lil din il-ġawhra li għandna fid-daħla tal-Belt u li fiha issawru fost l-akbar riformi soċjali fil-pajjiż.



Inħossni verament kuntent u kburi li l-ħolma tiegħi fl-aħħar saret realtà u ninsab sodisfatt li l-palazz mill-ġdid kiseb id-deħra majestuża tiegħu.
Niżżiħajr lil kull min ta sehmu fil-Ministeru fit-twettiq tal-proġett u grazzi kbira b'mod partikulari lill-uffiċjali u l-impjegati tad-Direttorat tar-Restawr għall-għajnuna u d-dedikazzjoni tagħhom biex din il-ħolma saret realtà.

# What are the EU Social Security Coordination rules and how do these apply to me?

**Karen Farrugia**
Manager II (Research)
International Affairs

In this series of Articles, we will provide more specific information on each benefit covered by the EU coordination rules. The previous article outlined the provisions for Family Benefits. This Article will provide more information on Unemployment Benefits.

**Unemployment Benefits**

Each person that loses his/her job is entitled to claim unemployment benefits. When in a cross-border situation, the state of last employment is generally responsible for providing unemployment benefits.

**In which country should a person apply?**

A person must register as a jobseeker with the employment services and claim unemployment benefits in the country where the person last worked unless the person resides in a different country. To receive unemployment benefits, a person needs to stay in the country which pays the benefits in general. However, under certain conditions the person can go to another EU country to look for work and continue to receive the unemployment benefits from the country of last employment.

**Which country pays the unemployment benefits?**

A fully unemployed frontier worker - a person working in one Member State but resident in another Member State to which the person returns daily or at least once a week – has to claim unemployment benefits in the member state of residence, whereas if the person is a fully unemployed cross-border worker s/he can either claim benefits in the state of his/her last employment or s/he can return to his/her state of residence and receive unemployment benefits there. For partially unemployed persons the member state in which one work is responsible for granting unemployment benefits, regardless of your state of residence (no such provisions in the Maltese scheme).

**Principle of Aggregation**

Periods of employment completed under the legislation of any other member state are taken into account by the institution of the state in which the claim for unemployment benefits is submitted. The latter State aggregates the insurance periods completed in other Member States provided that, the person was working between the date of arrival in that State and the date of first registration for work. Document U1 is a portable document which certifies the periods of insurance completed in a member state. The U1 document is issued from the institution of the state in which one worked.

**How is the benefit calculated?**

Not all member states calculate the unemployment benefits in the same way; some scheme provide for a fixed rate or benefits (such as Malta) while other schemes are income-based. When benefits are income-based only, salaries or professional income received in the state of last employment are taken into account. Also, in some countries, the amount of unemployment benefit increases according to the number of members of the family, even if these reside in another member state.

**Export Principle**

A person in receipt of unemployment benefits from one state, may opt to go search for work in another Member State. In that case, the unemployment benefits received in the former state may be exported accordingly. The jobseeker must inform the competent institution for the payment of the unemployment benefits and the latter shall make the necessary arrangements to continue paying the benefits due to the jobseeker, even if he/she is not subject to the control procedures of that state.

However, when a jobseeker opts for such a provision, he/she shall be subject to the employment and control procedures of the state where the unemployed person is seeking employment. The benefit may be exported for a period of 3 months. However, if the competent authority (of the state paying the benefits) is satisfied that the jobseeker has good prospects of finding employment in the other state, the 3-month period may be extended to 6 months.

For more information, you may visit the Europa Website on: https://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=862

Is-Servizz Pubbliku

# Inawgurati l-ewwel remote workspaces

Sal-aħħar ta’ din is-sena (2021) hu ppjanat li jkollna madwar 15-il remote workspace jiffunzjonaw. L-ewwel remote workspaces miftuħa jinsabu f’Santa Venera u fil-Belt Valletta, fl-Uffiċċju Ċentrali ta’ servizz.gov fil-Mosta u fil-hubs ta’ servizz.gov f’Birkirkara, f’Ħal Qormi, fiż-Żurrieq, fil-Birgu, fl-Imsida u f’San Ġwann.

Il-Kap tas-Servizz Pubbliku, is-Sur Mario Cutajar, qal li din hija parti minn strateġija usa tas-Servizz Pubbliku li tidħol fis-seħħ fl-2022 - strateġija li fiha l-impjegati tas-Servizz Pubbliku huma pilastru ewlieni flimkien mat-teknoloġija u l-livell tas-servizz mogħti.

Permezz ta' remote working, persuna taħdem minn fejn trid u mhux neċessarjament mid-dar, filwaqt li dan il-kunċett japplika wkoll għal dipartimenti sħaħ. Bħalissa qed isir xogħol fuq it-tfassil ta' policy ġdida li tirregola r-remote working u tindirizza għadd ta' aspetti.

Dan kollu biex is-servizz jibqa' dejjem mogħti bl-aqwa livelli ta' eċċellenza. Fuq kollox se jsir taħriġ speċifiku għall-ħaddiema kollha li se jaħdmu remotament, kif ukoll għall-management, mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi.





# Staqsi lill-imġarrab

**Doris Zammit**
Xandara Veterana

Li aħna nistgħu ninqdew, induru u mmorru kull fejn nixtiequ, hija xi ħaġa li ħafna minna jistgħu joħduha for granted kif ngħidu bl-Ingliż. Il-bankini, l-għatiebi tal-bibien, it-turġien, il-passaġġi dojoq, l-ispralli - dawn huma kollha ostakli li aħna nimxu fuqhom, jew ngħaddu minnhom ħafna ħin tal-ġurnata. Kważi qatt ma naħsbu fis-sinjali, fis-sinjali tat-traffiku, u sorsi oħra li jridu jidderiġuna jew jagħtuna t-tagħrif neċessarju.

Is-sinjali, anke jekk ikunu poġġuti f'post li jidher u jkunu mimlija tagħrif importanti, ma jagħmlu l-ebda ġid lil dawk li jkunu nieqsa mid-dawl jekk ma jkunux poġġuti f'postijiet mħabbra minn qabel u li jistgħu jinqraw billi dawk nieqsa mid-dawl jistgħu jmissuhom. L-istess jista' jingħad għal dawk nieqsa mis-smigħ. Avviż fuq loudspeaker nemmen li għandu jkun ukoll miktub fejn jidher, biex dawk neqsin mis-smigh jistgħu jaqrawh aktar milli jisimgħuh.

Fi ftit kliem, dawk minna li għandhom diffikultajiet fiżiċi – dawn l-ostakli li qed insemmi huma diffikultà kbira għalihom u dan għaliex il-ħtiġijiet ta' dawn il-persuni ma ġiex ikkunsidrat meta kienu qed jiġu ddisinjati.

U dan iġibni għal esperjenza li kelli ftit tal-ġimgħat ilu. Intant minħabba aċċident li kelli spiċċajt nuża s-siġġu tar-roti biex nista' nasal minn post għal ieħor għax is-sieq li weġġajt ma stajtx nużaha minħabba li kienet marbuta minn fuq s'isfel. Kienet esperjenza li lili ġegħlitni nirrifletti ħafna fuq dawk il-persuni li jkunu tabilħaqq b'diżabilità u jkollhom jużaw is-siġġu tar-roti mhux għal ġimgħa, tnejn jew tlieta imma għomorhom. Bla dubju huwa fatt li kelli nġarrab jien biex irrealizzajt kemm Malta u Għawdex għadna lura f'dik li hija aċċessibilità għall-persuni li jridu jużaw siġġu tar-roti fost affarijiet oħra.

Tajjeb ngħid li l-aktar li jittikawni anke mingħajr diżabilità huma l-bankini. Kemm-il darba tkellimt dwar dan fuq mezzi diversi tax-xandir. Nistaqsi lill-kunsilli lokali li għandhom f'idejhom il-bini mill-ġdid u l-manutenzjoni ta' dawn l-imberkin bankini, għal min qegħdin il-bankini - biex jintużaw mill-pedestrians jew biex sidien tal-karozzi fl-istess triq isibuha eħfef biex idaħħlu l-karozza tagħhom?

Għall-pedestrians li jifilħu jimxu wkoll hija battikata biex jinnavigaw ċertu bankini, aħseb u ara kif ġara lili li kont bis-siġġu tar-roti. Kif setgħu jmexxuni fuq il-bankina, b'rampa kull metru jew ftit aktar quddiem il-garaxxijiet? X'nagħmlu allura, nimxu f'nofs it-triq, għax bil-karozzi ipparkjati mal-bankina, lanqas mal-bankina ma tista' timxi?!

Hemm bżonn li l-kunsilli lokali kollha f'Malta u Għawdex jieħdu ħsieb dan l-inkonvenjent mill-aktar fis possibbli, kemm għall-pedestrians li jifilħu jimxu u aktar u aktar għal dawk bi bżonnijiet speċjali.



Imbagħad xi ngħidu għal diversi farmhouses  u studio flats madwar Malta u Għawdex?  Ma tistax tgħid li ħafna minnhom mhumiex attrezzati u moderni u kważi ma jonqos xejn biex tgħaddi btala għall-mistrieħ.  Imma wħud minn dawn kif ngħidu bl-Ingliż "They leave much to be desired" l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' aċċess li jkollhom bżonn dawk bi bżonnijiet speċjali.

Hawnhekk nista' nelenka, l-għatiebi ta' barra, bankina għolja quddiem il-bieb (ara hawnhekk ma jagħmlux rampa quddiem il-bieb)! Tabilħaqq li billi dawn huma appartamenti, għall-anqas  ġie inkluż il-lift!  Imma x'lift? Biex tilħaq il-lift, issib rampa wieqfa jew żurżieqa, agħar mit-telgħa (u n-niżla) t'Alla u Ommu.

Jekk tkun waħdek u trid timmanuvra s-siġġu tar-roti waħdek tibqa' nieżla full speed ahead għal ġol-ħajt. Imbagħad issib lift li s-siġġu tar-roti ma jidħolx fih!! Imma possibbli dawn in-nies, ibda mill-perit u spiċċa fl-Awtoritajiet responsabbli jafu x'inhuma jagħmlu?

U ġewwa, għalkemm ikolli ngħid li s-siġġu tar-roti kien idur tajjeb fil-kamra, imma fix-xawer mhemm l-ebda maqbad fejn persuna bi bżonnijiet speċjali tista' żżomm biex tqum jew isserraħ bilwieqfa.

Dan nista' ngħidu wkoll għar-restrooms f'ħafna stabbilimenti fejn issib *restroom* waħda li jużaha kulħadd, irġiel, nisa u anke dawk bi bżonnijiet speċjali. Fost l-affarijiet li nnutajt, sibt li t-toilets baxxi u maqbad biex wieħed jista' jqum minn postu m'hemmx. Trid bilfors l-għajnuna ta' ħaddieħor.  Dawn huma uħud mill-ostakli li ltqajt magħhom. Jidher li minkejja l-ħafna liġijiet u argumenti għad fadal biex tassew niġu ndaqs!

Minkejja li ħafna huma dawk li qegħdin jagħtu kas biex jagħmlu l-ħajja ta' dawk il-persuni bi bżonnijiet speċjali aktar faċli għax huwa dritt tagħhom li jkollhom din il-ħajja bħal kulħadd,  inħoss li għad fadal ħafna xi jsir biex verament inkunu trattati lkoll l-istess f'kull qasam tal-ħajja. Nagħlaq billi nikkwota lill-Onor. Oliver Scicluna, Membru Parlamentari (ex Kummissarju għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità) fejn jgħid li -

"Il-pandemija ġabet sfidi kbar fis-settur tad-diżabilità, u nemmen li issa huwa l-mument li nibdew nieħdu dan is-settur b'aktar serjetà . Importanti li mhux biss il-politiku inkarigat mis-settur  jagħti kas bis-serjetà lil persuni b'diżabilità, iżda kollha li intom. Għandu jkun hemm iżjed impenn, u riżorsi konċentrati fis-settur. Id-drittijiet fuq il-karta ma jagħmlulniex ġieħ, hemm bżonn azzjonijiet iżjed konkreti u malajr kemm jista' jkun.

Il-persuni b'diżabilità għandhom dritt għall-ħajja dinjituża, għal edukazzjoni xierqa (mingħajr qtigħ ta' qalb), opportunitajiet li jidħlu f'kull post pubbliku, opportunitajiet xierqa ta' xogħol, servizzi xierqa fil-komunità  u ħafna aktar. Il-pressjoni minn naħa tiegħi ser tiżdied sakemm nibda nara ċaqliq konsiderevoli fis-settur li mhux biss naħdem fih iżda nagħmel parti minnu."
Jiena nawgura li din il-ktiba ma tasalx f'widnejn li ma jridux jisimgħu.



# MSFC > X'HEMM ĠDID?

Aġġornament ta' kull tlett xhur mill-Ministeru

**Tonio Bonello**
Corporate Communications Manager
MSFC

Aħbar tajba għal persuni li kien se jkollhom tnaqqis fil-pensjoni

Il-Gvern għamel tibdil fl-Att tas-Sigurtà Soċjali għal persuni li twieldu bejn l-1 ta' Jannar 1956 u l-31 ta' Diċembru 1961. Dan bil-għan illi jkunu ammeljorati l-effetti negattivi li ġabet magħha l-pandemija tal-Covid-19 fuq id-dħul ta' dawn il-persuni matul is-sena 2020, u li riżultat ta' dan jirrifletti l-pensjoni tagħhom.

Waqt konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon flimkien mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol Clyde Caruana, il-Ministru Falzon qal li kien hemm numru ta' persuni li kienu kważi waslu biex jibdew jieħdu l-pensjoni u li kellhom l-impjieg tagħhom affetwat ħażin fl-aħħar sena qabel jaslu għall-pensjoni. Dan it-tibdil legali issa se jkun qed jolqot b'mod pożittiv mal-2,500 persuna u l-familji biex ma jkollhomx tnaqqis fil-pensjoni kawża ta' dan il-perjodu tal-pandemija.

Permezz ta' dan it-tibdil, persuni impjegati li raw tnaqqis fil-paga tagħhom minn Marzu sa Diċembru se tittieħdilhom il-medja tad-dħul li kellhom f'Jannar u Frar tal-2020. B'hekk, is-sena 2020 se tkun ibbażata fuq id-dħul tal-ewwel xahrejn tas-sena meta d-dħul tagħhom ma kienx affetwat. Dawk self-employed u li kellhom tnaqqis fid-dħul fl-2020 se jkun qed jittieħdielom l-istess dħul tas-sena 2019, bil-għan li ma jkunx hemm diskrepanza negattiva fil-pensjoni.

## Għajnuna għall-ġenituri ta' persuni b'diżabilità severa

Ġenituri li ma jistgħux jaħdmu sabiex jieħdu ħsieb wild b'diżabilità, fl-età ta' aktar minn 16-il sena, se jkunu qed jibbenefikaw minn pagament ta' €300 darba f'sena. Il-ġenituri eliġibbli huma dawk li mhumiex qed jaħdmu u li jgħixu fl-istess dar mal-wild b'diżabiltà li għandhom aktar minn 16-il sena u li jirċievu l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa.

L-għotja titħallas sħiħa darba fis-sena u mhux pro-rata. Meta l-ġenitur eliġibbli jasal għall-età pensjonabbli, il-ġenitur intitolat jibqa' jirċievi l-Għotja tal-Carer. L-ewwel pagamenti ħarġu fit-13 ta' Marzu 2021, u jibqgħu għaddejjin sa Diċembru ta' din is-sena, sakemm jitħallas kull benefiċjarju intitolat. Sa issa tħallsu mal-€115,000, li minnhom ibbenefikaw 383 ġenitur. Benefiċjarji prospettivi ġodda bdew jitħallsu minn April.

F'każ li l-wild ikun jirċievi l-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa u jkun qed jgħix f'istituzzjoni, l-għotja għall-carers ma titħallasx. Il-ġenituri m'għandhomx bżonn japplikaw għaliex l-informazzjoni kollha ta' min hu eliġibbli, tinsab għand id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Il-Ministru Michael Falzon qal li din hija miżura oħra tal-Baġit 2021 imwettqa u li tibni fuq ir-riforma fil-mekkaniżmi u ħlasijiet tal-Carers Allowances fl-2017.

## Miżura ta' simplifikazzjoni għal persuni b'diżabilità severa

Madwar 90% ta' persuni b'diżabilità severa mhux se jkollhom għalfejn jerġgħu jidhru quddiem il-bord mediku meta jagħlqu 16-il sena. Din hija miżura oħra ta' simplifikazzjoni għal persuni li jbatu bid-Down Syndrome, jew diżabilità severa oħra.
Dan tħabbar waqt konferenza tal-aħbarijiet indirizzata mill-Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal Michael Falzon, kif ukoll il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja Julia Farrugia Portelli. "Nemmnu li dan il-proċess kien wieħed burokratiku u li kien qed joħloq inkonvenjent doppju fejn ġenituri kienu qegħdin jesperjenzaw skariġġ żejjed u jużaw ukoll il-leave tagħhom



biex jagħmluh" qalet il-Ministru Farrugia Portelli.

Il-Ministru Michael Falzon spjega li bit-tibdil li hu ppjanat, il-ġenituri ta' tfal li jkunu se jagħlqu is-16-il sena, u li jkunu qed jirċievu d-Disabled Child Allowance (DCA), se jibdew jiġu notifikati direttament sabiex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa dwar it-tifel/tifla tagħhom, minħabba li jsir means testing. Bl-informazzjoni mogħtija imbagħad tiġi pproċessata l-applikazzjoni awtomatika u min ikun intitolat, jibda l-ħlas tal-benefiċċju mingħajr mat-tifel jew tifla terġa' tidher quddiem bord.

**Jerġa' jitħallas il-benefiċċju għall-ġenituri milquta mill-għeluq tal-iskejjel**

Il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal reġa' introduċa skema bil-għan li jitħallas benefiċċju lil dawk il-ġenituri bi tfal taħt is-16-il sena u li ma kienx possibbli li jaħdmu mid-dar, u li minħabba l-għeluq tal-iskejjel kienu fuq leave bla ħlas f'xi żmien bejn il-15 ta' Marzu u l-11 ta' April 2021 biex jieħdu ħsieb uliedhom.

Din l-iskema kienet tapplika għall-ħaddiema li jaħdmu fis-settur privat ħlief dawk li jaħdmu ma' kumpaniji privati, u li qed jaħdmu jew jagħtu servizzi essenzjali f'xi dipartiment jew entità tal-gvern.

Il-Ministru Michael Falzon qal li dan il-benefiċċju kien ta' serħan il-moħħ lill-ġenituri sabiex setgħu jibqgħu ma' uliedhom peress li l-iskejjel kienu magħluqin, u fl-istess waqt baqgħu jirċievu għajnuna finanzjarja. Iktar minn hekk, dawn il-persuni setgħu jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Il-Ministru Falzon qal li dawn il-pagamenti mhux se jaffettwaw il-bolol imħallsa sabiex ma jkunx hemm detriment fil-pensjonijiet futuri.

# Hemm bżonn li nkunu kuntenti f'ħajjitna

**Vince Tonna**
M Ger; Dip. Appl. Social Studies (Social Worker)



Xtaqt li dan l-artiklu jkun preċiżament dwar suġġett tant important għal kulħadd, il-kuntentizza.

Nibda biex insemmi sondaġġi xjentifiċi li saru dwar il-kuntentizza. Skont rapport mill-Fakultà tal-Benesseri Soċjali tal-Universita' ta' Malta, dan jikkonferma li l-World Happiness Report 2020 jindika li tlett kwarti tal-Maltin huma kuntenti b'ħajjithom b'mod ġenerali. Huma wkoll dawk il-persuni ta' aktar minn 66 sena li huma l-aktar kuntenti f'ħajjithom.

F'rapport li kien sar fil-passat, il-*World Happiness* indikat u ippubblikat li l-Maltin huma l-iktar poplu sodisfatt b'ħajjithom. Fil-fatt Malta kienet ikklassifikata t-tieni pajjiż fl-Ewropa u s-seba' fid-dinja.  Dawn ir-rapporti jibbażaw ħafna dwar diversi indikaturi prinċipali li jappoġġjaw il-kuntentizza.

Dawn jinkludu l-għajnuna li nagħtu lil xulxin; il-governanza tajba; il-ġenerożità li nuru bejnietna; kemm aħna onesti; is-saħħa, l-edukazzjoni; kif ukoll id-dħul finanzjarju tagħna. Hemm indikaturi wkoll relatati mal-korruzzjoni; il-libertà u l-inklużjoni.

Esperti li kitbu dwar is-suġġett jgħidu li jiddetermina ħafna jekk persuna tkunx kuntenta jew le:
(a)  mill-personalità tagħha;
(b)  mill-ħsibijiet li jkollha f'moħħha; kif ukoll
(ċ)  mill-imġiba tagħha f'ħajjitha.

Esperti oħra indikawlna li l-kuntentizza nakkwistawha billi:
(a) niddedikaw ħin għall-familja u l-ħbieb;
(b) meta napprezzaw dak li għandna;
(ċ) meta nkunu ottimisti fil-ħajja tagħna;
(d) meta nħossu fina 'sense of purpose';
(e) meta ngħixu l-mument preżenti;
(f) meta ninsew lilna nfusna, naħsbu wkoll fil-proxxmu tagħna u nagħtu bil-qalb mill-ħin tagħna u mill-ġid tagħna.

Bla dubju ta' xejn, nistgħu nsibu l-kuntentizza tagħna billi, qabel xejn, insiru nafu lilna nfusna. Għaldaqstant, ejjew nippruvaw niddentifikaw l-aktar okkażjonijiet f'ħajjitna li jġegħluna nitbissmu l-iktar. Fi ftit kliem, irridu nammettu wkoll li hemm bżonn li l-kuntentizza:

(a)   niskopruha;
(b)   naħdmu għaliha; kif ukoll
(ċ)   irridu nikkultivawha.

Ma rridux naħsbu li wieħed ikun kuntent għax jitwieled sinjur jew għax wieħed jaħdem ħafna jew għax wieħed għandu pożizzjoni għolja fl-impieg jew għax persuna tkun sabiħa fl-apparenza tagħha. Huwa fatt li hemm persuni li huma sinjuri u/jew sbieħ u ma humiex kuntenti! Ma nistax inħalli barra s-sigriet tal-kuntentizza mill-aspett tar-reliġjon li ħafna minnha jħaddnu.  Lil Alla dejjem għandna nżommuh fl-ewwel post. Minkejja d-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom f'ħajjitna, hemm raġuni għaliex għandna nkunu dejjem ferħanin. Jekk ngħożżu u nħaddnu l-ħajja nisranija tagħna u ninvolvu ruħna b'impenn, din żgur se twassalna għall-kuntentizza.

Nixtieq nawgura lil kull wieħed u waħda minnkom li tkunu kuntenti f'ħajjitkom, kif ukoll li xxerdu l-kuntentizza tagħkom man-nies ta' madwarkom.

# Rokna Tfal

# Kompetizzjoni b'differenza

Din l-attività kienet tikkonsisti f'kompetizzjoni li saret fl-iskejjel u kienet organizzata mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni. It-tfal eliġibbli biex jipparteċipaw kellhom ikunu studenti li jinsabu fir-raba', fil-ħames u fis-sitt sena tal-primarja. Għal din il-kompetizzjoni kkonkorrew 621 tifel u tifla.

Jista' jingħad li minn 621 parteċipazzjoni, 317 kienu fil-ġeneru tat-tpinġija, 192 fil-kitba, 45 li kienu jikkonsistu f'filmati jew preżentazzjoni powerpoint, waqt li 67 student użaw iktar minn mezz wieħed mill-ġeneri msemmija.

Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni se jitħabbru fil-ġimgħat li ġejjin filwaqt li x-xogħlijiet kollha tat-tfal se jkunu għall-wiri f'esebizzjonijiet li se jitħabbru iktar 'il quddiem. Apparti minn hekk, fil-Ġimgħa għas-Servizz Pubbliku ta' din is-sena hu ppjanat li jsiru work placements ta' ftit sigħat għal kull min ipparteċipa.

F'għajnejn it-tfal, is-Servizz Pubbliku huwa fuq quddiem nett tas-soċjetà u jixtiequ li meta jikbru, huma wkoll jagħmlu differenza pożittiva f'pajjiżna.

**X'tixtieq issir la tikber?**

10% il-ħolma tagħhom hi li jkunu jaħdmu fin-natura jew mal-annimali.

15% jixtiequ jagħmlu parti mill-forzi dixxiplinati u l-protezzjoni ċivili.

15% tat-tfal li ħadu sehem jixtiequ jieħdu l-vokazzjoni ta' għalliema

18% jaraw futur fl-arti varji, kultura u sport.

20% taw risposti differenti ħafna li jvarjaw minn accountants, avukati u nutara, sa piloti, illustraturi, fotografi u social workers rispettivament.

22% tat-tfal jaraw il-futur tagħhom fix-xjenza u l-mediċina, bħala tobba, infermieri, spiżjara u tekniċi.



# mySocialSecurity Servizzi Onlajn

**It-Tim tal-IMU**
MSFC

Nistgħu ngħidu li rajna l-potenzjal tat-teknoloġija f'dan iż-żmien daqshekk diffiċli. Qatt ma nħass daqshekk il-bżonn li tintuża t-teknoloġija daqskemm qed tinħass bħalissa f'dan iż-żmien ta' pandemija. Iċ-ċittadin jipprova jevita li joħroġ minn daru u biex jobdi t-talbiet tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika qed jirrikorri aktar għall-informazzjoni u applikazzjonijiet onlajn. Fil-każ tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, dawn il-fatturi kienu diġà esposti biex jintużaw. Għalhekk għall-benefiċċju taċ-ċittadin hawnhekk qed nintroduċu serje ta' għarfien dwar użu ta' servizzi onlajn bil-ħsieb li jkun hemm aktar użu b'kunfidenza.

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali joffri numru ta' servizzi mis-sit elettroniku;
https://mysocialsecurity.gov.mt
Dawn is-servizzi jistgħu jiġu aċċessati kemm mil-laptop, tablet jew mowbajl. Dan is-sit huwa offrut kemm bil-Malti, kif ukoll bl-Ingliż u jippermetti lil individwu jaċċessa numru ta' servizzi personalizzati onlajn tas-Sigurtà Soċjali.

Mill-menu tal-Kalkulaturi, wieħed jista' jaċċessa kalkulatur tal-benefiċċji mingħajr il-bżonn ta' awtentikazzjoni, filwaqt li l-menu tas-Servizzi Onlajn joffri aċċess għal servizzi personalizzati li xi wħud jeħtieġu awtentikazzjoni bl-ID elettronika (e-ID). Illum il-ġurnata huwa faċli biex tapplika biex ikollok e-ID, u dan billi taċċessa s-sit elettroniku https://identitymalta.com/.

B'dan il-mod iċ-ċittadin ikollu wkoll il-faċilità ta' aċċess għal servizzi onlajn ta' dipartimenti u entitajiet oħra tal-Gvern.

Ser nibdew nitkellmu fuq erbgħa servizzi offruti onlajn u li huma diġà qed jiġu utilizzati sew mill-pubbliku. L-ewwel servizz huwa dak fejn persuna tista' tissottometti kopja taċ-ċertifikat mediku oriġinali l-blu - 'Issottometti Ċertifikat Mediku'. Dan jirreferi għaċ-ċertifikat blu tal-mard li persuna tkun trid tibgħat lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fi żmien 10 jiem mill-ewwel ġurnata ta' mard, f'każ ta' perjodu ta' ġranet tal-Leave tal-Mard li jaqbżu t-tlett (3) ijiem. Trid tintuża l-awtentikazzjoni bl-ID elettronika biex tibgħat dan iċ-ċertifikat onlajn.

Huwa ferm importanti li ċ-ċertifikat tal-mard ikollu d-dettalji kollha tat-tabib u tal-applikant mimlija sew fuq iż-żewġ naħat. Iċ-ċertifikat irid ikun iffirmat mill-applikant qabel ma jiġi skennjat miż-żewġ naħat u sottomess. L-applikant jirċievi email ta' notifikazzjoni awtomatika bid-dettalji li jkunu ntbagħatu.

Servizz ieħor offrut huwa dak fejn persuna jkun jista' jaf fhiex waslet l-applikazzjoni tiegħu - 'Monitoraġġ ta' Applikazzjoni'. Dan huwa wkoll servizz personalizzat; jiġifieri trid tintuża l-ID elettronika sabiex taċċessa s-servizz. Dan is-servizz juri lista ta' applikazzjonijiet jew talbiet għal reviżjonijiet li ċ-ċittadin ikun għamel f'dawn l-aħħar tnax-il xahar. Għalhekk, wieħed ikun jista' jara jekk it-talbiet ġewx maħduma u x'kien l-eżitu.

Żewġ servizzi oħra offruti huma dak sabiex iċ-ċittadin ikun jaf meta se jkun hemm il-ħlasijiet ta' benefiċċji jew pensjonijiet, kif ukoll b'liema rata se jsir il-pagament - 'Skeda tad-Dati tal-Ħlas' kif ukoll 'Skeda tar-Rati tal-Benefiċċji'.

Dawn is-servizzi huma maqsumin f'gruppi simplifikati biex iċ-ċittadin isibha faċli biex jara taħt liema sezzjoni irid ifittex. Dawn il-gruppi huma: (a) Benefiċċji għall-Familja, (b) Benefiċċji mhux Kontributorji, (ċ) Għajnuna Medika, (d) Għotjiet, Bonuses u Skemi, Pensjonijiet Kontributorji u (e) Xogħol, Inċentivi u Benefiċċji għal Diżimpjieg.

F'każ li persuna jkollha bżonn ta' għajnuna dwar dan is-sit elettroniku, wieħed jista' jċempel fuq il-Freephone 153, jintbagħat email fuq social.security@gov.mt jew jibgħatilna messaġġ mill-paġna tagħna tal-Facebook.




# ĠEMMA Your guide to Money Management

How well do you manage your money? Do you budget? Are you planning for your future? Are your kids being educated on financial capability? Do you save?

Money management plays a dominant role in our life, and determines our behaviour most times. Yet are the decisions we take based on the right information, thus, making sure that we reach the best decisions that applicable for our personal circumstances?

It may sound surprising – but most people all over the world do not manage their finances as well as they should. Maltese persons are no different. The Government recognised this and in 2017 it launched a national strategy for retirement income and financial capability. Our Ministry, through the Office of the Permanent Secretary, is responsible for its implementation. The implementation programme is branded as 'ĠEMMA' – the name of ĠEMMA honey bee which as you know as a popular traditional Maltese name.

What does ĠEMMA do? ĠEMMA through education projects and education resources seeks to inculcata a culture of financial capability in Malta. ĠEMMA's initiative target all ages of the Maltese population – from primary school children to elderly persons. It also tailors its education campaigns for different population target groups who have different financial requirements: for example, the financial capability needs of self-employed persons are in part different from those of a person who is employed.

ĠEMMA has produced many resources that will help you and your family handle better your family budget. On www.gemma.gov.mt you will find many education videos, guide books, calculators and education content. For example you will find videos such as the ĠEMMA Ftit interactive educative play for children in primary school to videos of how you can cook a lovely 'frittata' on budget.

You will find ĠEMMA on facebook; on linked-in; and since February of this year on Sagħtar amongst others.

Visit us on our www.gemma.gov.mt portal or one of our social media channels. All of the material and resources produced by ĠEMMA are freely available for use. Download or watch our ĠEMMA resources – and discuss them as a family and with your children and share them with your friends and colleagues.

Subscribe to our newsletter – issued monthly where-in you are informed on ĠEMMA new resources and content launched and what ĠEMMA is up to. Let us know what you think on gemma@gov.mt. We look forward to your feedback.

**The ĠEMMA Team**

| | |
|---|---|
| **www.gemma.gov.mt** | www.gemma.gov.mt |
| **videos** | https://gemma.gov.mt/videos/ |
| **ĠEMMA Ftit** | https://www.youtube.com/watch?v=IPz_5ZbQ_EA&t=227s |
| **frittata** | https://www.youtube.com/watch?v=0DFkmKSrWJc |
| **facebook** | https://www.facebook.com/gemma.know.plan.act |
| **Linked-in** | https://www.linkedin.com/company/18559072/admin/ |
| **Sagħtar** | https://saghtar.org.mt/2021/02/22/saghtar-february-2021/?lang=en |
| **Subscribe** | https://financialcapability.us19.list-manage.com/subscribe/post?u=efed447f851b7ab2cee8cbd5b&id=334598d088 |

# 65 sena ta' Sigurtà Soċjali

**Grazio Barbara**
Direttur Ġenerali

**YEARS OF SOCIAL SECURITY**
DELIVERING FINANCIAL SUPPORT THROUGH SOCIAL JUSTICE FOR GENERATIONS
7/5/1956 – 7/5/2021

Saru diversi attivitajiet biex jitfakkar dan l-anniversarju fosthom:



Nhar it-Tnejn 3 ta' Mejju 2021
Webinar bis-suġġett Fear Combat mill-kelliema Josette Ciappara.

Nhar il-Ħamis 6 ta'



Mejju, 2021
Għoti tad-demm mill-impjegati fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm, Pjazza San Luqa, Gwardamangia,.



Nhar il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2021
Clean Up fl-Għallis.

Kien fl-1956, meta aħna l-ħaddiema tal-lum fid-Dipartiment ma konniex għadna twelidna, li nħoloq id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex jamministra żewġ liġijiet li kienu l-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali u l-Att dwar l-Assigurazzjoni Nazzjonali.
Dawn kienu żewġ liġijiet fejn l-ewwel waħda ma kienx hemm bżonn li l-persuna tikkontribwixxi filwaqt li t-tieni waħda kienet imsejsa fuq kontribuzzjonijiet li l-ħaddiema kienu jħallsu. Għall-bidu, dawk li kienu f'impjieg kienu jikkontribwixxu, biex imbagħad fl-1965, din il-liġi ġiet estiża anki għal dawk li kienu jaħdmu għal rashom u persuni li ma kellhomx impjieg. B'hekk, aktar nies setgħu jkunu mgħejjuna fid-diffikultajiet li setgħu jsibu ruħhom fihom.
Kull min ilu naqra snin mhux ħażin f'dan id-Dipartiment, jaf li dawn l-istess liġijiet kienu emendati kemm-il darba biex jiddaħħlu benefiċċji ġodda. Pass importanti kien fis-sena 1987 meta ż-żewġ liġijiet imsemmija kienu kkonsolidati f'waħda biex inħoloq l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali li llum il-ġurnata, kull uffiċjal iħaddem biex jinħarġu kull benefiċċju, pensjoni jew assistenza.
Għalkemm id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali għandu l-Uffiċċju Prinċipali f'bini storiku, dak magħruf bħala Palazzo Ferreria u fl-aktar triq prominenti fil-Belt Valletta, Triq ir-Repubblika, mhux dejjem kien hekk. Id-diversi sezzjonijiet li jagħmlu parti minn dan id-Dipartiment kienu f'uffiċċji differenti mferrxin mal-belt kapitali. Kien fis-snin sebgħin li kull sezzjoni nġabret f'dan il-bini.
Kif semmejt, matul dawn il-65 sena, iddaħħlu diversi benefiċċji, pensjonijiet u assistenzi ġodda biex jilħqu l-popolazzjoni ta' dawn il-gżejjer. Faċilment, nistgħu ngħidu li nħallsu benefiċċji għal qabel ma titwieled persuna, kif ukoll sakemm persuna tibqa' tieħu l-aħħar nifs.
Il-benefiċċji jolqtu lil kulħadd, minn dik l-omm li qiegħda ġġorr tarbija, għal tfal, għal persuni b'diżabilità, għal dik il-persuna li tkun tilfet lil parti l-oħra fiż-żwieġ, lil min ikun marid, korra fuq ix-xogħel jew inkella ma jaħdimx, lil min ikun qiegħed jieħu ħsieb xi ħadd marid jew b'diżabilità, lil min ma jistax jaħdem minħabba mard, u lil min ikun ilu ħajtu kollha jaħdem u jispiċċa bil-pensjoni. Dan kollu grazzi għal kull uffiċjal fid-Dipartiment, mill-kbir saż-żgħir għax kull impenn minn kulħadd huwa meħtieġ biex min l-aktar li għandu bżonn, ikun jista' jitħallas mingħajr dewmien.
Hawnhekk, tajjeb li nsellmu lil dawk l-uffiċjali kollha li ħadmu f'dan id-Dipartiment qabilna fejn ħallewlna struttura b'saħħitha biex aħna llum inkunu nistgħu naqdu d-doveri tagħna kif suppost.
It-tibdil li sar matul is-snin fid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali ma kienx biss fil-benefiċċji li żdiedu minn żmien għal żmien imma wkoll fl-operat tiegħu. Filwaqt li qabel ma bdiet l-era teknoloġika, kull benefiċċju, pensjoni u assistenza kienu jinħadmu manwalment, illum kważi dak ix-xogħol kollu li kien isir minn diversi ħaddiema, qiegħed isir b'mod awtomatiku u b'inqas uffiċjali. Minbarra dan, anki l-preżenza tal-uffiċjali fil-bini hija wkoll drastikament imnaqqas meta tikkonsidra li bil-mezzi teknoloġiċi li għandna llum, kif ukoll bl-introduzzjoni tal-miżuri favur il-familja, ħafna uffiċjali, speċjalment nisa, jaħdmu mid-dar tagħhom. Dan kollu qiegħed isir mingħajr ma tnaqqas il-livell ta' servizz li jingħata lill-pubbliku. Dan kollu grazzi lill-uffiċjali kollha li jaħdmu b'mod sodisfaċenti u mill-qalb. Li kieku ma jkunx hekk, għandna sezzjoni tal-popolazzjoni li tkun qed tbati minħabba n-nuqqas tagħna.
Minbarra l-assessjar tal-applikazzjonijiet, anki l-metodu tal-ħlas inbidel radikalment. Fejn fil-bidu nett, il-pagamenti kienu jsiru bi flus kontanti, imbagħad bdew isiru permezz ta' ċekkijiet, illum wasalna fejn qegħdin inħallsu direttament fil-kont bankarju tal-benefiċjarju. Dan huwa mod aktar sigur ta' kif jitħallas benefiċjarju fejn iċ-ċans li jintilef jew jinsteraq ċekk m'għadux jeżisti. Issa rridu naslu fi żmien li kull benefiċjarju jitħallas dirett fil-kont bankarju u bħalma nqatgħu l-pagamenti permezz tal-flus kontanti, hekk ukoll ma jinħarġux aktar ċekkijiet.
Bħala Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, għandna nibqgħu kommessi biex noffru dawk is-servizzi soċjali l-aktar bżonnjużi, skont il-ħtiġiet ta' kull individwu. B'hekk ikunu qegħdin nagħmlu bħalma dejjem għamilna, li nkunu ta' wens għal min huwa vulnerabbli u l-aktar li għandu bżonn f'mumenti partikolari.

# FSWS Governing Board (part 1)

**Tonio Bonello**

An interview with
Mr Joseph Gerada
Chairperson, Foundation for Social Welfare Services

This is a new series of articles aimed at informing and educating about the role of the Foundation for Social Welfare Services, as well as on another note, the function and operation of the Council of Europe as in relation to MSFC. In this three-part interview, we shall be focusing on the function of the FSWS Board of Directors.

Why the Foundation for Social Welfare Services has a Board of Directors?

The Foundation for Social Welfare Services was set up in 1998 as a holding organisation for various social welfare services that Government would wish to set up from time to time. At the time only Sedqa and the Social Welfare Development programme, a precursor to APPOGG, were in existence.

Today the FSWS includes a Community and Therapeutic Services agency, a directorate for Child Protection and a Gozo branch of the Foundation. These operations are supported by various support functions namely: the Human Resource, Recruitment and Training, the Corporate Services, the Finance, the Marketing and Communications, the International Relations, Service Audits, Quality Assurance and Research and the Data Protection departments.

The organisation serves over 20,000 clients on an annual basis and employs about 900 members of staff.

What is the role of the Board of Directors and in particular your role as President of the Foundation?

The Board of Directors is made up of 10 members coming from different sectors and professions. They are appointed by the Prime Minister to determine the general policy of the Foundation and be responsible for its organisation, its business plans and financial management.

As President of the Foundation, I lead the Board of Directors to set the direction for the Foundation, liaise with the CEO and the management team regarding the challenges that the services face, evaluate reports as well as, receive and provide feedback from and to management.

The President is also vested with the legal representation of the Foundation. The Board has sub-committees that look at and review specific activity areas and recommend development, as necessary.

*Part Two of this interview will be published in the Autumn issue of FAMILJA.*




# Forti Sant'Anġlu

**Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

Il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu jaf il-bidu tiegħu fiż-Żmien Medjevali.
Id-data meta nbena mhux magħrufa. Hemm kitbiet tar-Rumani dwar tempju ddedikat għal Juno jew Astarte li kien viċin fejn illum hemm il-forti. Wara li waslu l-Għarab f'Malta madwar 870 WK, bdiet tinbena fortizza flok dan it-tempju. Meta Malta saret parti mir-Renju ta' Sqallija, fis-seklu XII inbena torri, u llum għad fadal xi fdalijiet minnu ġewwa l-forti. Hemm dokumenti tas-seklu tlettax, waqt il-ħakma tal-Anġevini, li jsemmu Castrum Maris (Kastell tal-Baħar) fil-ponta tal-Birgu li kellu 150 suldat u ftit armi. Il-kastell kien f'idejn l-Anġevini waqt il-Battalja ta' Malta tal-1283. Wara li l-Anġevini tilfu, il-kastell spiċċa tal-Aragoniżi. Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann waslu Malta fl-1530, għażlu li jistabbilixxu ruħhom fil-Birgu u mhux fl-Imdina, u l-forti saret is-sede tal-Gran Mastru. Sal-1536 il-Kavallieri rranġaw u saħħew il-Castrum Maris billi bnew foss u aktar swar madwar il-forti. Meta t-Torok attakkaw fl-1551, raw li l-Forti Sant'Anġlu kien b'saħħtu wisq u ddeċidew li ma jattakkawhx. Waqt l-Assedju l-Kbir, il-forti rreżista t-Torok għal darb'oħra, u wara li l-Kavallieri rebħu bdiet tinbena l-Belt Valletta n-naħa l-oħra tal-Port il-Kbir. B'hekk il-Birgu u Forti Sant'Anġlu tilfu ftit mill-importanza li kellhom.
It-tqassim tal-fortizza kif inhi llum hi attribwita lil Carlos de Grunenburgh, li ddisinja diversi partijiet mill-fortizza meta din kienet qed tiġi rrestawrata lejn it-tmiem tas-seklu sbatax. Wara dan ir-restawr il-fortifikazzjoni kellha xi 80 kanun, li 48 minnhom kienu jħarsu lejn l-entratura tal-port.
Mal-wasla tal-Franċiżi fl-1798 il-forti serva bħala kwartieri ġenerali tal-Armata Franċiża.
Mal-wasla tal-Ingliżi fl-1800, il-Forti Sant'Anġlu sar il-bażi ta' żewġ battaljuni mit-35th Regiment.
Fl-1912, il-forti ttieħed mir-Royal Navy u ġiet imniżżla bħala HMS Egremont, u saret il-bażi għall-flotta Ingliża fil-Mediterran. Fl-1933 isimha nbidel għal HMS Saint Angelo.
L-Ingliżi ma biddlux id-dehra tal-fortizza, ħlief li bnew batterija speċjali għal tip ta' kanuni kbar.
Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-forti kien għal darb'oħra f'assedju u b'kollox sofra 69 balla diretta bejn l-1940 u l-1943. Meta l-forzi Ingliżi telqu minn Malta fl-1979 il-forti ngħata lill-Gvern Malti u minn dakinhar waqgħet fi stat ħażin.
Fl-1998 il-forti ngħatat lura lill-Ordni Militari Sovran ta' Malta. Fil-5 ta' Marzu 2012, ġie kkonfermat li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali allokat €13.4 miljun għar-restawr u

konservazzjoni tas-sit, u wara dan il-forti se jkun miftuħ bħala attrazzjoni turistika ewlenija f'Malta, sabiex tenfasizza l-istorja tagħha u l-irwoli li kellha matul iż-żminijiet.

Il-forti originarjament kien iddedikat lill-Anġli Kustodji. Iżda maż-żmien din id-dedikazzjoni nbidlet għal dik lil Sant'Anġlu ta' Sqallija (ta' Ġerusalemm), Saċerdot u Martri (Ġerusalemm, 2 ta' Marzu, 1185, Licata, 5 ta' Mejju,1220). Se nagħti ftit tagħrif ġenerali dwar dan il-qaddis.



Anġlu kien mill-ewwel Karmelitani li waslu Sqallija mill-Għolja tal-Karmel. L-infidili qatluh f'Licata fl-ewwel nofs tas-seklu tlettax. Kien mill-ewwel meqjum bħala martri u f'post mewtu ma damitx ma nbniet knisja tal-Karmelitani. Il-qima lejn Sant'Anġlu xterdet ħafna, kemm fl-Ordni Karmelitan u kemm fost il-poplu. Hu meqjum bħala patrun ta' għadd ta' mkejjen fi Sqallija. F'Malta għal dan il-qaddis Karmelitan għandna msemmija, barra l-Forti Sant' Anġlu, kappella fiż-Żejtun.
Anġlu twieled fl-1185 f'Ġerusalemm minn familja ta' Lhud Insara. Wara l-mewt tal-ġenituri Anġlu, flimkien ma' ħuh it-tewmi Ġwanni, issieħbu mal-Eremiti Karmelitani li kienu jgħixu fuq l-Għolja tal-Karmelu qrib l-Għajn tal-Profeta Elija.

Ta' 26 sena, Anġlu ġie ordnat saċerdot u ftit snin wara ntbagħat Ruma flimkien ma' Karmelitani oħra biex jitlob mill-Papa Onorju III l-konferma tar-Regola li l-Karmelitani rċevew mingħand Albertu, il-Patrijarka ta' Ġerusalemm. Kien mogħti din il-missjoni minħabba li l-Konċilju Lateran fl-1215 qatagħha li fil-Knisja ma kenux se jiġu magħrufa aktar regoli għal Ordnijiet Reliġjużi ġodda. Minn dik id-data 'il quddiem Ordnijiet Reliġjużi ġodda kellhom jadottaw xi waħda mir-Reguli l-Kbar tal-Ħajja Reliġjuża. Infatti r-Regola Karmelitana, għalkemm ma kenitx għadha approvata mill-Knisja, kienet diġà teżisti qabel dan id-digriet tal-Konċilju Lateran. Fil-fatt il-Papa Onorju III aċċetta r-Regola Karmelitana u approvaha fl-1226.

Sant'Anglu kien magħruf għall-predikazzjoni u kellu wkoll id-don tal-fejqan. Minħabba f'hekk kien predikatur u tawmaturgu imfittex ħafna. Matul iż-żjara tiegħu f'Ruma ħafna ndunaw bil-kapaċitajiet u l-qdusija t'Anġlu. Għalhekk intbagħat fi Sqallija biex jippriektka kontra t-tagħlim qarrieq tal-Katari. F'Licata, Agrigento, fl-1220 Anġlu ltaqa' ma' ċertu Berengarju, li kien Kataru u kien qed jgħix ma' oħtu bħallikieku kienet martu. Anġlu fittex li jipperswadi lil dan Berengarju biex idur mill-erezija, u jikkonverti. Wara li Anġlu rnexxielu jikkonverti lil oħt Berengarju, dan tal-aħħar imqanqal mill-korla ħebb għall-qaddis li kien qed jippriektka fil-knisja ta' San Filippu u San Ġakbu, darbu b'ħames daqqiet ta' stallett. Midrub kif kien Anġlu miet erbat'ijiem wara, jaħfer lil dak li kien ħebb għalih.

Sant'Anġlu huwa meqjum Martri fl-Ordni Karmelitan u meqjus bħala Missier (Pater Ordinis) flimkien ma' San Albert ta' Trapani. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata nhar il-5 ta' Mejju.

# Qlub Imweġġa’

Intervistat Charles Meli, il-moħħ wara dan il-film

**Mary Anne Zammit**
Kittieba u Artista

Qlub Imweġġgħa huwa film Malti maħdum mill-Maltin bi storja li verament tmiss il-qalb. Il-film huwa mżewwaq b’ingredjenti ta’ emozzjoni, romantiċiżmu u azzjoni.
Interessanti hu l-mod kif jiżvolgi l-plot biex b’hekk issawret storja melodramatika li tħallik fuq ix-xwiek. U waqt li aħna qegħdin insegwu dawn ix-xeni, hemm xogħol kbir wara l-kwinti. Iltqajt ma’ Charles Meli; Attur, Produttur u responsabbli għal kitba u d-direzzjoni.
Charles beda biex qalli li minn tfulitu beda juri interess fil-films. “Kien għalhekk li meta missieri ra dan l-entużjażmu, kien xtrali projector u




kont nara *film* wieħed wara l-ieħor. Kienet ukoll l-għaxqa tiegħi nilgħab u nistieden lil sħabi biex indawwrilhom xi *film*. Imbagħad aktar tard, meta kelli sittax-il sena bdietli n-namra għaċ-ċinema.”
Ma’ dan ukoll, Charles iħobb il-kitba u l-poeżija, imma l-film dejjem jibqa l-ewwel. Kompla jgħidli li ġieli spiċċa jara tlett films wara xulxin u kien joqgħod attent għad-dettal tad-direzzjoni u l-ideja ta’ kif inħadmet ix-xena.
Wara dan, Charles beda jirreċta u ngħata partijiet fi produzzjonijiet televiżivi. Fost dawn, f’ partijiet ewlenin fi ‘Ħbieb u Għedewwa’, ‘Sorelle’, ‘Tereża’, ‘Red Lands’, ‘Ċaqqufa’, ‘Intriċċi’, u ‘Santa Monika’. Partijiet żgħar kienu f’ ‘L-Għarusa’ u ‘Strada Stretta’, kif ukoll f’episodju mis-sensiela ‘Rajt ma rajtx’.
Dlonk bdiet titrawwem fih ix-xewqa li jipproduċi film, l-aktar meta Charles applika għal partijiet ta’ extras f’xi films. Fost dawn, fi ‘Gladiator’, ‘Agora’, u ‘The Devils Double’ fejn Charles kellu parti viċin ħafna tal-attur Dominic Cooper. Hawnhekk għamel parti ta’ tabib. Fil-film ‘13 Hours; the Secret Soldiers of Benghazi’, Charles kellu l-parti ta’ proprjetarju ta’ restorant. Ħadem partijiet żgħar ukoll fil-produzzjonijiet ‘Sinbad’ u ‘247 days’.
Il-film ‘Qlub Imweġġa’ inkiteb għaxar snin ilu. Għall-ewwel bħala rumanz personali, iżda mbagħad ġietu l-ideja li jsir film. Il-proċess tal-film dam madwar sena fejn fosthom kien hemm tlett xhur ta’ editjar.
Il- kanzunetta tal-għeluq tal-film hija lirika ta’ Charles Meli stess, u kienet interpretata u b’mużika ta’ Marsye Briffa, b’arranġament mużikali ta’ Sam Hayman li ħa ħsieb il-mużika kollha tal-film.
Staqsejt lil Charles kif jintagħżel il-cast u xi jfittex. Spjegali kif l-ewwel jagħmel avviż għall-atturi. Madanakollu, il-parti prinċipali jfittixha hu billi jara l-mod kif jirreċtaw l-atturi, l-għajnejn u l-espressjoni. Wara l-atturi jingħataw punti u jerġgħu jissejħu aktar tard għal audition oħra. Għal futur, Charles jixtieq li joħroġ film ieħor, din id-darba action comedy.
Il-*film* ‘Qlub Imweġġa’ ħareġ għal bejgħ fuq DVD u pen drive f’Jannar li għadda u mill-ewwel inbiegħ kollu. Minn dan ix-xahar iżda l-*film* ser jerġa’ jkun għall-bejgħ fuq DVD (€12.95) jew fuq pendrive (€17.00) Biex takkwista kopja persuna tista’ ċċempel fuq 99869440.
Personalment naħseb li din kienet intervista interessanti ħafna u nħoss li tgħallimt aktar dwar dan il-ġeneru ta’ media. Nittama li intom il-qarrejja sibtu dan ta’ interess ukoll. Sa ma nerġgħu niltaqgħu b’intervista oħra, tislijiet.

# WORD SEARCH (Sports)

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | Q | U | A | S | H | P | A | R | K | O | U | R | V | D |
| U | I | J | V | A | S | A | S | K | I | I | N | G | R | I |
| R | R | U | G | B | Y | K | E | N | D | O | N | N | O | V |
| F | T | D | P | T | E | N | N | I | S | I | A | S | W | I |
| I | F | O | O | T | B | A | L | L | T | S | I | A | I | N |
| N | L | V | L | J | A | A | B | F | E | N | C | I | N | G |
| G | D | E | O | V | S | O | A | Z | Z | S | S | L | G | T |
| K | A | R | A | T | E | R | C | J | O | W | O | I | W | A |
| N | R | I | G | K | B | I | R | R | A | I | F | N | R | E |
| A | C | R | O | B | A | T | I | C | S | M | T | G | E | K |
| H | H | A | L | F | L | N | C | A | X | M | B | W | S | W |
| A | E | H | F | D | L | A | K | D | I | I | A | N | T | O |
| K | R | I | H | O | C | K | E | Y | F | N | L | H | A | N |
| R | Y | R | K | I | T | N | T | I | N | G | L | O | B | D |
| M | O | T | O | C | R | O | S | S | I | S | A | B | Z | O |

ACROBATICS
ARCHERY
BASEBALL
CRICKET
DIVING
FENCING
FOOTBALL
GOLF
HOCKEY
JUDO
KARATE
KENDO
MOTOCROSS
PARKOUR
POLO
RAFTING
ROWING
RUGBY
SAILING
SKIING
SOFTBALL
SQUASH
SURFING
SWIMMING
TAEKWONDO
TENNIS

# SUDOKU

The goal of Sudoku is to fill a 9×9 grid with numbers so that each row, column and 3×3 section contain all of the digits between 1 and 9.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | | 6 | | | 1 | | | |
| 9 | 4 | | 8 | | | | | |
| | | | | | 9 | | | 7 |
| | | | | 7 | | | | 1 |
| 3 | | | | | 5 | 4 | 2 | |
| | 1 | 4 | | | | 3 | | 8 |
| | | 1 | 4 | 9 | | 8 | | |
| | | | | | | | | 5 |
| 4 | 8 | | | | | | | |

Why are basketball players such messy eaters?
They're always dribbling.

Why can't basketball players go on vacation?
They aren't allowed to travel.

What kind of tea do football players drink?
Penaltea.

Why couldn't the all-star football player listen to any music?
He broke all the records.

How are scrambled eggs and football teams the same?
They've both been beaten.

Hockey players are like goldfish.
Just tap on the glass to get their attention.

Why are hockey players so good at making friends?
They're quick to break the ice.

What's the difference between basketball players and soccer players?
Basketball players get actual injuries.

Soccer is surprisingly relevant to my life.
Just consider the lack of goals.

Why don't grasshoppers watch soccer?
They watch cricket, instead.





# Peter's Kitchen

**Peter Miceli Saydon**
Prinċipal

Braġoli

thinly sliced top sirloin

1 onion

1 carrot

3 slices white stale bread without crust crushed

2 hard boiled eggs sliced

4 slices bacon chopped

1 handful parsley chopped

2 cloves garlic minced

2 bay leaves

salt and pepper to taste

1 cup red wine for braising.

Beat the slices of meat with a mallet so they are nice and thin.

In a bowl, add your bread crumbs, chopped bacon, parsley, and a little salt and pepper. This is your stuffing. Place a heaped tablespoon of the stuffing onto a slice of the beef and spread it out along with a couple slices of hard boiled egg.

Roll the meat slices lengthwise over the stuffing.  Do this with all of the beef, trying to evenly distribute the stuffing.

Pour some oil or lard in a a large pan and fry the beef olives on all sides until nicely browned. Transfer the beef olives into a large stock pot and place them on the bottom of the pan along with the bay leaves.

Using the same pan that the beef was cooked in, fry the onions and carrots until the onions are translucent.

Pour the wine over the onions and carrots and deglaze the pan.

Pour the sauce over the beef olives and put on simmer, you want it to gently for about 1 1/2 hours until the beef is beautifully tender. NOTE you may need to add a little wine or water if it boils away but not too much you want it to braise not stew.